MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 370/2008

**Il-Pulizija**
**(Maggur Noel Scicluna)**
**Vs**
**John Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Gunju, 2006, u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Mark Mifsud, minuri ta’ l-eta' obbligatorja ghall-iskola w minghajr ma nhargitlu l-karta tax-xoghol, u dan ai termini tal-artikoli Att XXVIII ta’ 1990 Art. 6(1)(I), (ii) tal-A.L. 110/93 Art. 6(2) tal-A.L. 110/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 6(1)(i) u (ii) tal-A.L. 110/93 u l-artikolu 6(2) tal-A.L. 110/93, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu multa ta’ elf,

mija w erba w sittin Euro w sebghin Euro centezmi (€1164.70).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella w tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull akkuza w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-

1. illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda zewg spetturi ta’ Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig kif ukoll lil minuri Mark Mifsud;
2. illi mix-xhieda tal-istess Mark Mifsud jemergi l-fatti li huwa kien prezenti hdejn l-appellant fil-hin u l-gurnata in kwistjoni;
3. illi kemm il-minuri Mark Mifsud u kif ukoll l-appellant baqghu jsostnu li l-minuri ma kienx qed jahdem mal-appellant, li huwa gar tieghu, izda kien biss qieghed hdejh bhala kumpanija sakemm huwa qaghad jistenna lill-ommu tlesti mix-xiri biex wara jirritorna maghha lejn id-dar;
4. illi fl-opinjoni tal-appellant, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi stante li l-fatti kif esposti mill-appellant gew ikkonfermati mix-xhud tal-prosekuzzjoni;
5. illi certament ix-xhieda moghtija minn Mark Mifsud kienet sufficjenti sabiex tohloq dubju serju, liema dubju kellu jibbenifika l-appellant;
6. illi ghal dan il-prosekuzzjoni enfasizzat il-fatt li x-xhud Mark Mifsud qal fix-xhieda tieghu li din ma kienitx l-ewwel darba li huwa kien mar hdejn l-appellant, u li gieli jinzertah meta jarma gewwa Rahal Gdid, u dan meta kien jitla' hemmhekk bir-rota;
7. illi l-prosekuzzjoni strahet fuq il-fatt fiz-zewg minuti li l-Ispetturi tal-ETC kienu qed josservaw il-post fejn kien armat l-appellant huma raw lil minuri Mark Mifsud jaqdi lil xi klienti u fuq il-fatt li l-istess minuri kien gieli jmur hdejn l-appellant u cioe’ gewwa Rahal Gdid;

8. illi x-xhud stess iggustifika dawn iz-zewg istanzi meta qal li fl-ewwel okkazzjoni kull ma ghamel kien li newel borza tal-plastic lil xi mara li kienet ghadha kif xtrat minghand l-appellant u fit-tieni okazzjoni li peress li l-minuri w l-appellant kienu girien, meta kien jitla' Rahal Gdid u kien ikun hemm il-monti kien imur hdejh sabiex isellimlu w mhux kif qed tallega l-prosekuzzjoni sabiex jahdem.

Semghet fl-udjenza tal-lum ix-xhieda ta’ Matthew Paris, Mark Mifsud u Carmel Polidano w tal-appellant innifsu.

Rat illi l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xhieda tax-xhud Fiorenzo Desira.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti rrizulta biss illi Mark Mifsud, sebbene li huwa tifel, li dak iz-zmien kien ghadu taht is-sittax-il sena, kien qieghed wara t-tillar ta’ John Caruana li dak inhar kien qieghed, bhala *self employed,* ibiegh hwejjeg fl-*open market* tal-Mosta. Pero’ hadd mill-Ispetturi tal-ETC ma nnotah jaghmel xi transazzjoni ma xi klienti ta’ John Caruana imma sempliciment rawh qieghed bil-wieqfa wara t-tilar. Illi kemm Mark Mifsud kif ukoll l-appellant taw spjegazzjoni verosimili tal-presenza ta’ Mark Mifsud wara dan it-tilar billi qalu illi dana dakinhar kien qieghed hemmhekk ma’ ommu w meta ra lill-appellant li jafu ghax ghandu *garage* hdejhom u anke ghaliex kien habib tat-tfal tieghu, ddecieda li jmur iqatta’ ftit tal-hin hdejh.

Il-Qorti taccetta din l-ispjegazzjoni bhala wahda altru milli verosimili w li tannjenta l-provi tal-prosekuzzjoni illi huwa b’xi mod kien qieghed jagixxi bhala impjegat illegali tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------